MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2256/1998/1

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited u b'nota tad-9 ta' Frar 2004, is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) assumiet l-atti tal-kawza bhala attur minflok Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Galdes & Mamo Limited, u din ta' l-ahhar in rapprezentanza tas-socjeta` assiguratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited**

**v.**

**John Mifsud u George Mifsud**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Fit-3 ta’ Novembru 1998, is-socjeta` assiguratrici fuq imsemmija intavolat att ta’ citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kontra John Mifsud u George Mifsud (“il-konvenuti”). Fl-att tac-citazzjoni spjegat li l-konvenut John Mifsud kien proprjetarju tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni A1381 li kienet assigurata mas-socjeta` attrici. Gie spjegat ukoll li fil-21 ta’ Novembru 1991, il-konvenut l-iehor George Mifsud kien involut f’incident awtomobilistiku, li tieghu nstab unikament responsabbli permezz ta’ sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet ***Emanuel Cardona v. George Mifsud*** fid-29 ta’ Jannar 1994, u li kopja taghha giet esebita ma’ l-att tac-citazzjoni. Is-socjeta` attrici kompliet tispjega li hija kienet giet nofikata b’dik il-kawza permezz ta’ ittra ufficjali datata 7 ta’ Ottubru 1993, u li ghalhekk ai termini ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta` attrici hallset is-somma ta’ tlett elef hames mija u sittax-il Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM3,516.34c) ghas-saldu tas-sorte, spejjez u mghax legali lill-imsemmi Emanuel Cardona, kif kienet obbligata li taghmel skond l-imsemmi artikolu. Is-socjeta` attrici spjegat li din il-kawza qeghda taghmilha biex tiehu lura l-imsemmija somma li hija hallset lil Emanuel Cardona, peress li l-konvenut George Mifsud ma kienx kopert bil-polza ta’ l-assigurazzjoni mahruga mill-istess socjeta` attrici fuq l-imsemmija vettura minhabba li hu ma kienx ta’ l-eta` li kif indikata fl-istess polza. Ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jirrifondulha l-imsemmija somma ta’ tlett elef hames mija u sittax-il Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM3,516.34c) wara li dik il-Qorti tiddikjara li l-konvenut George Mifsud ma kienx kopert bil-polza ta’ l-assigurazzjoni in kwistjoni. Il-Qorti giet ukoll mitluba tiddikjara li l-konvenut John Mifsud ippermetta lill-imsemmi George Mifsud isuq din l-istess vettura meta huwa ma kienx kopert permezz ta’ polza ta’ l-assigurazzjoni.

2. Fis-26 ta’ Jannar 2000, il-konvenuti ikkontestaw il-kawza fejn eccepew li:
“1. Illi in kwantu jirrigwarda t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut John Mifsud, dan ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici stante illi kif gie stabbilit permezz tas-sentenza citata mill-istess socjeta` attrici, ir-responsabilita` ta’ l-incident indikata kienet biss ta’ George Mifsud u ghaldaqstant l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u ghaldaqstant ghandu jigi liberat bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

2. Illi kwantu jirrigwarda l-konvenut l-iehor, u cioe` George Mifsud, dan ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.”

3. Wara li dik il-Qorti semghet il-provi kollha mressqa mill-kontendenti, hija ippronunzjat is-sentenza taghha fit-23 ta’ April, 2001. Id-dispozittiv ta’ din is-sentenza jaqra hekk:
“Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ George Mifsud billi tiddikjara li dan ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mifsud u konsegwentement filwaqt li tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tieghu, tikkundanna lill-istess John Mifsud jhallas u jirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef hames mija u hmistax-il lira erbgha u sebghin centezmu (LM3,515.74) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut John Mifsud.”

4. Kopja shiha ta’ din is-sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti qeghda tigi annessa bhala appendici ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha billi l-istess sentenza fiha riassunt tal-provi migjuba fil-process kif ukoll il-motivazzjoni kollha li a bazi taghha l-ewwel Onorabbli

Qorti waslet ghad-dispozittiv imsemmi fil-paragrafu precedenti.

**II L-APPELL**

5. Fil-11 ta' Mejju 2001, il-konvenut John Mifsud ressaq appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti. Fir-rikors ta' l-appell tieghu huwa spjega l-aggravji tieghu u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-appellant John Mifsud u minflok tilqa' l-aggravji tieghu u b'hekk tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

6. Ghalkemm is-socjeta` appellata giet debitament notifikata bir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant, hija naqset li tipprezenta risposta ta' l-appell. Madanakollu, is-socjeta` appellata ikkontestat l-appell kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2004, fejn id-difensur tas-socjeta` appellata ipprezenta wkoll nota li permezz taghha l-okkju tal-kawza gie korrett.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li l-konvenut George Mifsud kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju bis-sahha tas-sentenza appellata. Is-socjeta` attrici ma ressqet l-ebda appell fil-konfront ta' din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, li ghalhekk issa ghaddiet in gudikat. Konsegwentement, il-kawza f'dan l-istadju, qeghdha titkompla biss fil-konfront ta' konvenut wiehed, cioe` John Mifsud, l-appellant.

8. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza gew sostanzjalment imfissra sewwa mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. Ghalhekk din il-Qorti ma thoss l-ebda htiega li terga' tirrepeti dawn il-fatti. In-nuqqas ta' qbil li jezisti bejn il-kontendenti, verament mhuwiex dwar il-fatti, izda dwar l-effetti legali ta' dawk l-istess fatti. Bizzejjed jinghad hawn li s-socjeta` assiguratrici appellata harget polza ta' l-assigurazzjoni fuq il-vettura li ggib in-numru A1381 fuq talba ta' l-appellant John Mifsud. Skond il-kopja tal-polza esebita a fol. 30 tal-process is-sewwieq awtorizzat tal-

vettura kien l-assigurat stess kif ukoll "*George Mifsud aged 21 years and any driver over 25 years driving on the insured order or with his permission*". Irrizulta li fil-21 ta' Novembru 1991, din il-vettura kienet involuta f'kollizjoni meta kienet misjuqa minn George Mifsud, li dakinhar ma kienx ghalaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. It-terza persuna involta fl-incident, cioe` Emanuel Cardona, intavola proceduri gudizzjarji kontra George Mifsud li gew finalizzati b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar, 1994. Biha George Mifsud instab unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u gie inoltre ikkundannat ihallas lil Emanuel Cardona s-somma ta' elfejn mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM2,142.20c) bl-imghax legali kif ukoll bl-ispejjez tal-kawza. Irrizulta li Emanuel Cardona kien ha hsieb li jinnotifika lis-socjeta` appellata bl-imsemmija kawza u dan tramite ittra ufficjali datata 7 ta' Ottubru 1993, li kopja taghha tinsab a fol. 12 tal-process. Sussegwentement is-socjeta` appellata giet interpellata minn Emanuel Cardona biex thallas is-sorte, l-imghax u l-ispejjez ta' l-istess kawza u, kif kienet obbligata li taghmel fit-termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104, hija hallset is-somma ta' tlett elef hames mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM3,516.34c) ghas-saldu tas-sorte, spejjez u mghax. Dan il-hlas sar permezz ta' zewg *cheques* li ntbaghtu b'ittra tas-socjeta` appellata lid-difensur ta' Emanuel Cardona fit-23 ta' Ottubru 1997, kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 36 tal-process. Jirrizulta li ma giex kontestat li meta George Mifsud kien involut fl-imsemmi incident awtomobilistiku huwa kien ghadu ma ghalaqx 'il wiehed u ghoxrin sena. Konsegwentement huwa ma kellux kopertura debita ta' assigurazzjoni. Din il-kawza saret precizament biex is-socjeta` assigurattrici tigi rimborsata mill-*policy holder* John Mifsud ghall-hlas imsemmi li ghamlet lil Emanuel Cardona u dan peress li l-istess John Mifsud kien ippermetta lil George Mifsud isuq il-vettura in kwistjoni meta huwa ma kienx kopert bil-polza ta' l-assigurazzjoni.

9. Kif rajna, is-sentenza appellata, illiberat lill-konvenut George Mifsud mill-osservanza tal-gudizzju meta

ntlaqghet l-eccezzjoni tieghu li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici. Inoltre, s-sentenza appellata cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili eccepita mill-konvenut John Mifsud, u laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tieghu.

10. L-ewwel aggravju ta' l-appellant John Mifsud huwa li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta li ssibu responsabbli ghar-rizarciment tad-danni ta' l-incident in kwistjoni u dan minhabba li kien il-*policy holder* tal-vettura involuta fl-istess incident. L-appellant sostna li hu qatt ma jista' jigi ordnat ihallas danni kawzati fl-istess incident, meta sentenza tal-Qorti attribwixxiet ir-responsabilita` tad-danni lill-persuna ohra.

11. Jidher car li l-appellant qieghed jibbaza dan l-ewwel aggravju tieghu fuq il-konsiderazzjoni li l-azzjoni tas-socjeta` assiguratrici hija wahda ta' rizarciment ta' danni hekk msejha akwiljani. Madanakollu, l-azzjoni attrici fil-verita` ma tikkoncernax danni akwiljani izda danni kontrattwali. L-azzjoni attrici hija bazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioe` l-appellant, naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni. Dan in-nuqqas jidderiva mill-fatt li l-appellant ippermetta lil huh, cioe` lill-imsemmi George Mifsud, isuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici meta dan George Mifsud ma kellux l-eta` rikjesta fl-istess polza u b'hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta' l-assigurazzjoni ma kienitx tkoprih. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta' dawk il-flejjes kollha li s-socjeta` assigurattrici appellata kienet obbligata li thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta` attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta' danni akwiljani,

izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta’ l-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta’ assigurazzjoni li kien jezisti bejnu u bejn is-socjeta` appellata. Ghalkemm huwa veru li din il-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, madankollu wiehed ghandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nholqu bhala rizultat ta’ l-istess incident awtomobilistiku. Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona, relazzjoni li hija bazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Cardona u s-socjeta` appellata, liema relazzjoni tohrog *ex lege*, cioe` tohrog mill-Artikolu 10 ta’ l-imsemmi Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fit-tielet lok, imbaghad, hemm ir-relazzjoni li qeghda tigi ezaminata f’din il-kawza, cioe` r-relazzjoni bejn is-socjeta` assigurattrici appellata u l-assigurat taghha, cioe` l-appellanti, liema relazzjoni hi evidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta’ l-istess appellanti. Konsegwentement ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawzahomx l-appellanti, pero` xorta wahda huma danni sofferti mis-socjeta` appellata minhabba li huwa naqas li josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta’ assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta` appellata. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellant ma jistax jintlaqa’.

12. Bit-tieni aggravju tieghu, il-konvenut/appellant jaghmel referenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni biennali ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Huwa jikkritika s-sentenza appellata li ma laqghetx din l-eccezzjoni meta jargumenta li s-socjeta` attrici qed titlob rizarciment ghall-hlas ta’ danni ikkawzati minn George Mifsud f’incident stradali. L-appellant enfasizza li l-incident stradali in kwistjoni sehh fil-21 ta’ Novembru 1991, u sa nhar is-6 ta’ Novembru 1994, l-appellant qatt ma gie interpellat sabiex huwa jirrispondi ghal xi danni ikkagunati konsegwenza ta’ l-imsemmi incident awtomobilistiku. Huwa irrimarka li kienet biss is-socjeta` appellata li giet notifikata permezz ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Ottubru 1993, u li ma ngabet l-ebda prova li l-appellant gie notifikat u mizmum responsabbli ghad-danni kawzati fl-incident awtomobilistiku indikat. Huwa jghid li kien

jinkombi fuq l-istess socjeta` appellata li gialadarba kien evidenti li l-assigurat taghha ma kienx notifikat bl-istess att gudizzjarju, hija kellha iggib l-istess fatt a konjizzjoni tieghu. Peress li dan ma sarx huwa ma setax jiddefendi ruhu kontra t-talbiet attrici fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Cardona v. George Mifsud". L-appellant ikompli jispjega l-aggravju tieghu testwalment hekk:
"Issa allura, kif tista' qatt is-socjeta` appellata tonora clain in segwitu ghal sentenza fil-konfront ta' persuna li maghha ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika?

Huwa importanti li jigi indikat li fil-proceduri "Emanuel Cardona v. George Mifsud" is-socjeta` attrici appellata l-anqas biss kienet kjamata fil-kawza. Lanqas saret talba ghall-kjamata fil-kawza ta' l-istess appellant. Allura kif setghet qatt is-socjeta` assiguratrici appellata thossha obbligata thallas meta kien aktar milli ovvju li s-sentenza ottenuta kienet fil-konfront biss ta' George Mifsud u hadd izjed.

Emanuel Cardona qatt ma interpella lis-sid tal-vettura li allegatament ikkawzat l-incident. Kien jaf min kien is-sid u kien jaf l-indirizz tieghu. Jekk ghazel li jagixxi kontra George Mifsud, din kienet decizjoni tieghu izda bl-ebda mod ma setghet is-socjeta` assiguratrici tidhol ghall-ammont impost fuq John Mifsud u wara titlob rizarciment minghand l-appellant.

Jekk is-socjeta` assigurattrici appellata hallset ammont li ma kellhiex thallas, zgur li mhux il-kaz li titolbu minghand l-appellant.

Illi ghalhekk, it-terminu tal-preskrizzjoni applikabbli ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili applikabbli fil-kaz ta' danni bhal ma hu l-kaz odjern, kien iddekorra u ghalhekk, it-talbiet attrici kienu preskritti ai termini ta' l-istess artikolu."

13. Lanqas dan l-aggravju ta' l-appellant ma jista jigi milqugh. Ir-ragunijiet moghtija minn din il-Qorti meta kienet qeghda titratta l-ewwel aggravju ta' l-appellant,

japplikaw ukoll ghal dan l-aggravju. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ma ghandhiex terga' tirrepeti dak li diga` gie espress minnha izda tillimita ruha biex tghid li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili certament mhix applikabbli ghall-kaz odjern. Dan ghaliex l-azzjoni tas-socjeta` appellata, kif maghmula fil-konfront ta' l-assigurat taghha, cioe` l-appellant, mhix bazata fuq rizarciment ta' danni akwiljani jew delittwali. Invece, l-azzjoni odjerna hija bazata fuq in-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi kuntrattwali assunti mill-appellant ai termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni. Fi kliem iehor dan il-kaz jitratta dwar rizarciment ta' danni kuntrattwali li evidentement l-eccezzjoni eccepita a bazi ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civli mhix applikabbli ghaliha. Konsegwentement l-ebda wiehed mill-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu ma hu gustifikat. Ghalhekk hemm lok li s-sentenza appellata tkun ikkonfermata minn din il-Qorti.

14. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellant John Mifsud.

Deputat Registratur
Mgc

**<u>APPENDICI</u>**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-23 ta' April 2001, qeghda tigi annessa hawn biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------